MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Attard)**

**Vs**

**Benjamin Vigo**
**(Karta tal-identità Franciza 140492100265)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Benjamin Vigo** talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-25 ta' Settembru, 2018 ghall-habta tas-13:30hrs, gewwa l-hanut The Maltese Falcon, sitwat gewwa Triq Villegaignon fl-Imdina:

Ikkommetta serq ta' souvenir (ornament f'ghamla ta' arma) li jammonta ghal tlieta u erbghin ewro (€43) ghad-detriment ta' Sorea Calleja (ID: 33983M) u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bhala serq semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Sorea Calleja u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatu zmien biex jikkonsidra l-istess ammissjoni;

Semghet lill-prosekuzzjoni u lid-difiza jitrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ghalhekk din hija sodisfacentement ippruvata;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li r-*res furitva* giet ritornata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 284 tal-Kodici Kriminali, qieghda tiddikjara lill-imputat **Benjamin Vigo** hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal **xahrejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sena (1) mil-lum.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur